Il-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
**Magistrat Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**

**Illum, it-13 ta' Jannar 2025**

**Distrett Hamrun**

**Il-Pulizija**
**(Spt. Andy Rotin)**

**Versus**

**Noel Apap**
**(526972M)**

**Il–Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet kontra **Noel Apap**, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 526972M.

Akkuzat talli nhar it-2 ta' Mejju 2022 ghall-habta tal-12.30pm gewwa Triq Dicembru Tlettax, Marsa:

1. Ghamel lil Pauline Gafa' ingurji jew theddid mhux imsemmijin band'ohra f'dan il-Kodici, jew jekk kien ipprovokat, ingurja b'mod li hareg barra mill-limiti tal-provokazzjoni u dan bi ksur tal-Art. 339(1)(e) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cikostanzi volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku b'ghajjat u storbju u dan bi ksur tal-Art. 338(dd) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti hija gentilment mitluba bl-iskop li tipprovdi ghas-sigurta' tal-persuna/i offiza jew ghaz-zamma tal-ordni pubblika jew ghall-iskop ta' protezzjoni tal-persuna msemmija u l-familjari taghha minn fastidju jew imgieba li tikkaguna biza' ta' vjolenza, tohrog ordni ta' protezzjoni kontra

l-imputat skont l-Art. 412 tal-Kap. 9 u f' kaz ta' htija, il-Qorti hija mitluba biex tipprovdi ghas-sigurta' tal-persuna offiza u l-familjari taghha ai termini tal-Art. 383, 384, 385, 412C u 412D tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti kollha pprezentati fl-atti processwali.

Semghat ix-xhieda.

Semghat it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

**Ikkunsidrat**

Illi fit-13 ta' Novembru 2023 xehdet Pauline Gafa li gharfet lill-imputat fl-awla, fejn qalet li fit-2 ta' Mejju 2022 kienet ghamlet rapport wara li l-imputat kien ipparkja vann ta' seba' tunnellati ghal sentejn u nofs quddiem il-hanut taghha Horace Ltd, li jinsab il-Marsa. Ix-xhud ipprezentant tlett ritratti, immarkati Dok PG1, ipprezentat ukoll petition tar-residenti li kienu qeghdin jiddejqu bil-vann li kien ta' periklu ghax kien jlahhaq il-gallariji tan-nies, immarkat Dok PG2, fejn kompliet tghid illi l-imputat kien johrog wire minn remissa biex jiccargja l-batterija tal-vann ghax ma kienx juzah spiss. Ix-xhud qalet illi kienu marru tat-Transport Malta fit-2 ta' Mejju 2022 biex inehhu l-vann tal-imputat u l-Pulizija kienu cemplu ukoll lilha biex tnehhi l-vann Fiat taghha biex jkunu jistghu jittowjaww il-vann tal-imputat. L-imputat beda jkellimhom hazin u pprova jhebb ghaliha, ghax beda jersaq vicin taghha u beda jinsulentaha u kieku ma kienx hemm tat-Transport Malta kien jaqbad fiha. Ix-xhud kompliet tghid illi l-imputat m'ghamel xejn b'idejh, izda insulentaha bil-kliem billi qalilha *'nahxiha f'sormha, imbaghad tbusli l-bajd'*. L-imputat kien qalilha li ha jaghmel erbgha vannijiet ohra, ghax qalilha li hi kienet thalli l-vann zghir taghha biex ittellef lill-electrician. Ix-xhud ipprezentat ir-rapport immarkat Dok PG3. Fil-kontro ezami, ix-xhud qalet illi hi tara lill-imputat jsuq il-vann, imma darba l-imputat kien qal illi l-vann kien ta' Mari li hija persuna b'dizabilita' u ma ssuqx vannijiet. Ix-xhud cahdet illi l-vann huwa ghal persuni b'dizabilita' u li l-imputat lil Mari kien johrogha b'karrozza ohra u mhux bil-vann. Il-vann ma kienx ipparkjat skond il-ligi ghax kien ilu sentejn u nofs ipparkjat fil-kantuniera, fuq double yellow line kif jidher fir-ritratti. Kien gie ittowjat darbtejn u mindu gie ttowjat fit-2 ta' Mejju 2022 ma kinitx regghet ratu. Ix-xhud giet murija ritratt numru 2 ta' Dok PG1, u kkonfermat illi l-vann ma kienx ipparkjat fuq double yellow line ghax jieqfu qabel fejn hemm il-vann. Fir-ritratt ta' wara ma

jidhirx il-yellow lines, izda biex jipparkja mal-line ezatt jigi quddiem il-hanut taghha. Ikkonfermat li l-imputat qatt ma missha imma beda jghajjar lill-ufficjali tat-transport Malta u lilha.

Illi xehed Mario Gafa li gharaf lil-imputat fl-awla, fejn qal illi fit-2 ta' Mejju 2022 ra lill-imputat jargumenta ma l-ufficjali tat-Transport Malta u l-imputat beda jghid lill-mara tieghu li kien kollu tort taghha, ghax kienet irrapurtatu u li kien ser jehdilha mhux trakk wiehed imma erbgha, hemm wara li hadulu t-trakk. Kien qal ukoll li kollu hbieb ta' hbieb u abbuz tal-poter ghax hu kien ex CEO ta' Evarist Bartolo. Ix-xhud qal li hu ghal ftit kien prezenti ghax kien mar biex icaqlaq il-vann tal-mara. Magenb il-hanut taghhom hemm remissa ta' habiba taghhom li juzah l-imputat u hemm ukoll bus stop. L-imputat dejjem izomm it-trakk ipparkjat u ma caqalqux ghal sentejn u nofs shah, u kien jghaddi wire min-nofs it-triq biex jiccargja l-batterija. L-iskop li l-imputat kien jipparkja l-vann hemmhekk kien biex jghatti l-hanut tal-mara tieghu u kien johrog mejda biex jiehu l-kafe. Fil-kontro ezami ix-xhud qal, illi apparti l-ufficjali tat-transport Malta, hu u l-mara tieghu, kien hemm ukoll habib tal-imputat Pawlu, u wara li hu ressaq il-vann rega' mar fuq il-post fejn il-mara tieghu kienet qieghda tistenna li jnehhi t-trakk biex jkunu jistghu jergghu jaghmlu l-karozza taghhom. L-ewwel diskors kien minn Noel, li beda jghid lill-mara li kien kollu tort taghha ghax kieku ma kienux ha jnehhuh, u ser jerga' jgib mhux vann wiehed imma erbgha. Wara l-incident il-mara tieghu ma semmitx xi kliem dispregajttiv li qalilha Noel, ghalkemm meta kien hemm Noel kien ser jhebb ghal mara tieghu u ta' Transport Malta, zammu u qallu dik mara.  Ix-xhud kompla jghid illi il-vann li huwa tal-habiba tal-imputat kunjomha Caruana, kien ipparkjat quddiem il-hanut taghhom u trakk ta' seba' tunnellati quddiemhom, mhux bhal meta tkun ipparkjata karozza.

Illi fit-8 ta' Lulju 2024 xehdu Joseph Busuttil, Horace Genovese u Nicholes Calleja li gharfu lil-imputat. Joseph Busuttil xehed illi Transport Malta kienu baghtu zewg ittri biex vettura bin-numru ECE019 titla' ghall-ispezzjoni fid-29 ta' April 2022. Wara li kienet saret, il-vettura ma ttihditx ghall-ispezzjoni u fit-2 ta' Mejju 2024, hu flimkien mall-kollegi Horace Genovese u Nicholas Calleja marru jhabbtu ghand is-sid tal-vann, Maria Caruana, fejn ma fetah hadd. Peress illi l-vann kien maghluq u ma kienx hemm sidu ma setghux jaghmlu spezzjoni. Ghamlu kuntatt mal-ghassa biex jaraw kellhomx numru ta' sid il-vann u tawh in-numru ta' Noel Apap li jiehu hsieb l-affarijiet ta' Maria Caruana. Kif cemplu lil Noel u qalulu li

huma tat-transport Malta, beda jghajjru u jkellmu hazin u qallu li kien sejjer hdejh. Kif wasal l-imputat dan beda jghajjarhom korotti, hallelin u li mqabbdin mieghu u beda jigbed il-video b'filmat ta' siegha u nofs li tefa' fuq facebook. Meta qalulu li jridu jaghmlu spezzjoni ghax kienu baghtu zewg ittri, hu qalilhom li ma kienx irceiva ebda ittri u li m'ghandhomx cans u li ma kienx ser jirregistrah bhala caravan. Beda jintefa ma l-art taht il-vann, u b'hekk talbu l-assistenza tal-Pulizija. L-Avukat tat-Transport Malta Dr. Deborah Attard qaltilhom biex jigbdu l-vann, li kien fi stat hazin u kienet qed iqattar iz-zejt minn taht. Fl-ahhar waslu f'kompromess li l-imputat jaghtihom l-vettura minghajr cwievet. Kellhom jressqu l-karozza li kienet quddiem il-vann biex jittowjaw il-vann, li kienet ta' mara li kellha hanut, u kif din harget inqalghet kommmossjoni bejn Noel Apap u din il-mara kunjomha Gafa, u kellhom jintervjenu huma biex jikkalmaw is-sitwazzjoni. Gie t-tow truck u hadu l-vann fil-compound taghhom. Ix-xhud jaf li intqal il-kliem *'mhux ser npaxxik'* u li *'nerga' nitfa l-vann'*. Fil-kontro ezami ix-xhud ikkonferma li kien hemm tlett parkeggi u l-vann kien ipparkjat f'wiehed minnhom, kif jidher fit-tieni ritratt immarkati PG1, u lanqas ma kien taht xi gallarija li seta' johloq problemi lil terzi. Ix-xhud kompla jghid illi qabel din id-data kienu baghtu ghas-sid, u kien mar l-imputat il-garaxx xi darbtejn ghal-spezzjoni bil-log book, minghajr il-vann, izda kien qallu li ried jara l-vann u meta tela' bil-vann ma kienx tajjeb ghat-triq, ghax kellu diversi problemi ghalkemm seta' jkun ipparkjat fit-triq. Ix-xhud pprezenta Dok JB1 li kienu n-noti tieghu.

Illi xehed Horace Genovese fejn qal illi kien mar ma' Joseph Busuttil il-manager tieghu, fit-2 ta' Mejju 2022 biex jaghmlu spezzjoni fuq il-vettura bin-numru ECE019, wara li kien baghtu zewg ittri lis-sid Maria Caruana fit-Triq Dicembru 13, Blata l-Bajda. Busuttil kien qallu li kienu cemplu lil Noel Apap biex jaghmlu spezzjoni fuq il-vann u beda jghajjarhom korotti u jiffilmja bil-mobile. Infurmawh illi jekk ma kienx ser jhallihom jaghmlu test fuq il-post kienu ser jiehdu l-vann l-Awtorita'. Gew il-Pulizija biex jassistuhom, u meta biex jittowjaw il-vann kellhom jsaqsu lis-sid tal-karozza li kien hemm quddiem il-vann biex jnehhiha, u x'hin giet is-sinjura tal-karozza, li ma jafx isimha, inqala argument ghax l-imputat beda jwahhal fiha, izda ma setax jisma' l-kliem ezatt ghax kien hdejn it-tow truck. Il-vann gie ittowjat u kien ghadu l-compound taghhom.

Illi xehed Nicholas Calleja fejn kien mar flimkien ma' Horace Genovese u Joseph Busuttil biex jaghmlu inspection fuq vettura ECO019 fit-Triq

Dicembru Tlettax, Marsa fit-2 ta' Mejju 2022 fl-10.30am wara li kienu intbghatu zewg ittri lis-sid Mari Caruana. Kien hemm rapporti li din il-vettura kienet qieghda taghmel iz-zejt mal-art. Kienu marru jhabbtu l-bieb tas-sid u ma fetah hadd, u wara Joseph Busuttil cempel lil Noel Apap u gie fuq il-post, u meta talbuh biex jaghmlu spezzjoni fuq il-vettura beda jghidilhom *'ma npaxxikhomx'*, u beda joffendihom u jiffilmjhom. Kellhom ordni biex jigbdu l-vann u meta giet s-sid tal-karozza li kienet mara, Noel Apap beda jiggieled maghha izda hu ma jafx x'intqal u hadu l-vann l-compound tal-Mosta.

**Ikkunsidrat**

Illi fl-ewwel lok rigward l-argument tad-Difiza illi l-akkuzi ma jirrizultawx stante illi t-triq hija Triq San George Preca u mhux Triq Dicembru Tlettax, il-Qorti ghamlet il-verifika taghha u jidher car illi t-Triq fejn kien ipparkjat il-van mertu tal-kawza odjerna u fejn sehh l-incident tal-kawza odjerna, hija Triq Dicembru Tlettax, Marsa specifikatament quddiem il-hanut bl-isem ta' Horace.

Illi mill-provi rrizulta illi l-imputat kien jipparkja l-vann li kien irregistrat fuq Maria Caruana quddiem hanut bl-isem ta' Horace. Illi sid il-hanut u l-girien, kienu fil-fatt ipprezentaw petition biex jitnehha l-vann. Ufficjali ta' Transport Malta kienu marru jaghmlu inspection fuq il-post wara li kienu baghtu ittra lis-sid biex tiehu l-vann ghal-inspection u hadd ma kien mar ghal-appuntament. Meta habbtu lis-sid ma kien fetah hadd u b'hekk kienu cemplu lill-imputat wara li ngiebet informazzjoni li l-imputat kien jiehu hsieb l-affarijiet ta' sid il-van u cioe' Maria Caruana. Jirrizulta mix-xhieda kollha li meta l-imputat mar fuq il-post, gab ruhu b'mod aggressiv kif ukoll b'mod konfrontattiv mar-rapprezentanti tat-Transport Malta kif ukoll mal-parte civile Pauline Gafa'. Illi x-xhieda kollha kkonfermaw illi l-imputat beda jghajjat, jixxenja u jinsulenta lill-Ufficjali ta' Transport Malta kif ukoll lill-koppja Gafa' fit-triq, filwaqt li beda' jigbed filmat. L-akkuzi hargu wara rapport ta' Pauline Gafa li hassitha mhedda u ingurjata meta l-imputat qal illi kien ser jitfghalha erba' vannijiet mhux wiehed, li kienet ukoll ikkonfermata mix-xhieda l-ohra. Fix-xhieda taghha, Pauline Gafa' ikkonfermat illi l-imputat qatt ma messha jew ghamel gesti b'idejh fil-konfront taghha, izda kien permezz ta' l-intervent ta' l-Ufficcjali ta' Transport Malta li l-imputat ma hebbx ghaliha, izda fix-xhieda taghha ukkonfermat illi l-imputat kien uza kliem dispreggjattiv u nsulenti fil-konfront taghha.

Illi wara li rat d-dokumenti kollha pprezentati fl-atti processwali u semghat ix-xhieda, il-Qorti hija konvinta illi l-akkuzi fil-konfront ta' l-imputat gew ippruvati sal-grad rikjest mill-Ligi.

**<u>Decide</u>**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat Artikolu 7, 13, 338(dd) u 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, **qed issib lill-imputat hati ta' l-akkuzi kollha migjuba kontrih u tikkundannah ghal hlas t'ammenda ghas-somma ta' hamsin Euro (€ 50.00)**

**Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**
**Magistrat**